

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2019/2003**tat-28 ta' Novembru 2019****fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-Irlanda biex tkompli tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri sa tmiem l-2023***(notifikata bid-dokument C(2019) 8593)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikulari t-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 371 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽²⁾, l-Irlanda tista' tkompli teżenta t-transazzjonijiet imsemmija fil-Parti B tal-Anness X ta' dik id-Direttiva, jekk hija kienet eżentat dawk it-tranżazzjonijiet fl-1 ta' Jannar 1978. Skont dak l-Artikolu, dawk it-tranżazzjonijiet iridu jitqiesu għad-determinazzjoni tal-bażi tar-riżorsi proprji tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/5/UE, l-Euratom ⁽³⁾ l-Irlanda kienet awtorizzata li tuża stimi approssimattivi fir-rigward tal-kategorija ta' tranżazzjonijiet li ġejja msemmija fil-parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE: It-trasport ta' passiġġieri (punt 10), mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (3) Fl-ittra tagħha tat-30 ta' April 2019, l-Irlanda talbet awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex tkompli tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT. L-Irlanda ma tistax tagħmel il-kalkolu preċiż tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 10 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri. Kalkolu bħal dan x'aktarx li jinvolvi piż amministrattiv mhux ġustifikat meta wieħed iqis l-effett ta' dawn it-tranżazzjonijiet fuq il-bażi totali tal-Irlanda tar-riżorsi proprji tal-VAT. L-Irlanda hi fil-pożizzjoni li tagħmel kalkolu billi tuża stimi approssimattivi għal din il-kategorija ta' tranżazzjonijiet. L-Irlanda għandha għalhekk tkun awtorizzata tkompli tikkalkula l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT billi tuża stimi approssimattivi fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri.
- (4) Għal finijiet ta' trasparenza u ċertezza legali huwa xieraq li l-applikabbiltà tal-awtorizzazzjoni tintrabat b'limitu ta' żmien.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Biex tiġi kkalkulata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2023, l-Irlanda hija awtorizzata li tuża stimi approssimattivi fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri kif imsemmi fil-punt 10, il-Parti B, tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/5/UE, Euratom tat-22 ta' Diċembru 2009 li tawtorizza lill-Irlanda biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (ĠU L 3, 7.1.2010, p. 19).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membri tal-Kummissjoni
